Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7212/24

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0414(COD)**

**SOC 161**
**EMPL 90**
**MI 238**
**DATAPROTECT 119**
**CODEC 644**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) |
| lil: | Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 7126/24 |
| Nru dok. Cion: | 14450/21 - COM(2021) 762 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi<br>*- Analiżi tat-test ta' kompromess finali bil-ħsieb ta' qbil* |

# I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi fid-9 ta' Diċembru 2021. Il-proposta għandha l-għan li:

1) ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi billi tiffaċilita d-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg tagħhom permezz ta' preżunzjoni legali konfutabbli (Kapitolu II),

2) ittejjeb il-protezzjoni tad-data personali tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi billi ttejjeb it-trasparenza, il-ġustizzja u r-responsabbiltà fl-użu ta' sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ jew ta' teħid ta' deċiżjonijiet (Kapitolu III),

3) ittejjeb it-trasparenza tax-xogħol fuq il-pjattaformi (Kapitolu IV) u tistabbilixxi ċerti rimedji u miżuri ta' infurzar (Kapitolu V).

Skont il-bażijiet legali rilevanti, jiġifieri l-Artikolu 153(2)(b) TFUE, flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b), u l-Artikolu 16(2) TFUE, il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Abbażi tal-ħidma tal-Presidenza Slovena u dik Franċiża u wara tentattiv inizjali taħt il-Presidenza Ċeka f'Diċembru 2022, il-Kunsill kiseb approċċ ġenerali[1] taħt il-Presidenza Żvediża fis-7 ta' Ġunju 2023.

Il-Parlament Ewropew ivvota biex in-negozjati interistituzzjonali jibdew fit-2 ta' Frar 2023[2].

## II. SITWAZZJONI ATTWALI

Il-proposta kienet soġġetta għal tmien trilogi, li l-ewwel wieħed minnhom sar fil-11 ta' Lulju 2023 taħt il-Presidenza Spanjola. Fis-sitt trilogu tat-12 u t-13 ta' Diċembru 2023 il-koleġiżlaturi rnexxielhom jilħqu qbil proviżorju[3]. Madankollu, din il-proposta ma rċevietx l-appoġġ meħtieġ fil-laqgħa tal-Coreper tat-22 ta' Diċembru 2023.

Il-Presidenza Belġjana reġgħet bdiet negozjati dwar il-fajl bl-għan li jintlaħaq qbil taħt il-leġiżlatura attwali. Kisbet mandat rivedut fil-laqgħa tal-Coreper tas-26 ta' Jannar 2024[4] li kien fil-biċċa l-kbira bbażat fuq il-ftehim proviżorju li ntlaħaq f'Diċembru, filwaqt li żamm id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II qrib dawk tal-approċċ ġenerali.

1 Dok. 10107/23
2 A9-0301/2022
3 Dok. 16187/23 + ADD 1 u ADD 2.
4 Dok. 5816/24 + COR1

Fis-seba' trilogu tat-30 ta' Jannar il-Parlament informa lill-Presidenza li ma setax jintlaħaq qbil fuq din il-bażi. Wara negozjati diffiċli, it-timijiet tan-negozjati taż-żewġ koleġiżlaturi qablu, fit-tmien trilogu fit-8 ta' Frar 2024, dwar test ta' kompromess proviżorju ġdid. Dan il-qbil jinkludi approċċ alternattiv dwar il-preżunzjoni legali, li jħalli għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri l-istabbiliment ta' modalitajiet għall-introduzzjoni ta' preżunzjoni legali effettiva fid-dritt nazzjonali tagħhom. L-elementi ewlenin ta' dan it-tieni qbil proviżorju huma stipulati fit-taqsima III hawn taħt.

Madankollu, fil-laqgħat tiegħu tas-16 ta' Frar u tat-8 ta' Marzu 2024, il-Coreper ma setax jappoġġa – b'marġni żgħir ħafna – il-ftehim proviżorju. Il-Presidenza għalhekk qed tressaq il-kwistjoni fil-livell ministerjali għal analiżi bil-ħsieb ta' qbil.

## III. ELEMENTI EWLENIN TAL-FTEHIM PROVIŻORJU TAT-8 TA' FRAR 2024

It-test tal-ftehim proviżorju tat-8 ta' Frar jinsab fl-Addendum 1 ta' din in-Nota. L-ispjegazzjonijiet ta' hawn taħt jagħmlu referenza għal dan l-addendum.

Kapitolu I – Dispożizzjonijiet Ġenerali

Il-Kapitolu I baqa' konformi ħafna mal-ispirtu tal-approċċ ġenerali. Il-Presidenza rnexxielha tiżgura fin-negozjati li l-Kapitolu I kollu, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 dwar l-intermedjarji, baqa' l-istess meta mqabbel mal-mandat rivedut tal-Kunsill tas-26 ta' Jannar.

Il-Kapitolu kkonċernat jistipula b'mod speċifiku li, sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva permezz tal-użu ta' intermedjarji, l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li, meta pjattaforma tax-xogħol diġitali tagħmel użu mill-intermedjarji, dawk il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi li jkollhom relazzjoni kuntrattwali ma' intermedjarju, igawdu l-istess livell ta' protezzjoni mogħti taħt din id-Direttiva bħal dawk li għandhom relazzjoni kuntrattwali diretta ma' pjattaforma tax-xogħol diġitali (Artikolu 3). Għal dak l-għan, huma meħtieġa jintroduċu mekkaniżmi xierqa li jinkludu, fejn xieraq, sistemi ta' responsabbiltà in solidum.

Kapitolu II – Status fl-impjieg

Il-Kapitolu II dwar l-istatus fl-impjieg kellu l-aktar bidliet sinifikattivi meta mqabbel mal-approċċ ġenerali. Wara li l-Parlament irrifjuta li jkompli n-negozjati abbażi tal-mandat rivedut tas-26 ta' Jannar, sar meħtieġ approċċ differenti rigward il-preżunzjoni legali sabiex ikun jista' jintlaħaq qbil. Dan l-approċċ, li fuqu huwa bbażat il-ftehim proviżorju tat-8 ta' Frar, jiddependi fuq l-obbligu li l-Istati Membri jistabbilixxu preżunzjoni legali konfutabbli effettiva ta' impjieg minflok ma jiddikjaraw fid-dettall il-mekkaniżmu tal-preżunzjoni legali (Artikolu 5(1) u (2)).

Għalhekk l-Istati Membri huma responsabbli għall-istabbiliment tal-modalitajiet tal-preżunzjoni legali. Dan ifisser li l-Istati Membri jingħataw diskrezzjoni f'termini tad-definizzjoni tal-mekkaniżmu tal-preżunzjoni. Jipprevedi wkoll li l-Istati Membri huma responsabbli biex jiddefinixxu, meta jinstabu biżżejjed fatti li jindikaw kontroll u direzzjoni, li jiskattaw il-preżunzjoni legali.

F'dan il-qafas, l-Istati Membri jibqgħu obbligati jiżguraw riżultat, li jfisser li l-preżunzjoni legali tkun *effettiva* b'mod li tikkostitwixxi faċilitazzjoni proċedurali għall-benefiċċju tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. Il-kunċett tal-effettività huwa elaborat fil-premessa 32, li tiddikjara li jenħtieġ, minn naħa waħda, li l-preżunzjoni legali tagħmilha effettivament faċli għall-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi biex tibbenefika mill-preżunzjoni u, min-naħa l-oħra, li r-rekwiżiti skont il-preżunzjoni legali ma jkunux ta' piż u għandhom itaffu d-diffikultajiet esperjenzati minn dawk li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi f'termini ta' għoti ta' evidenza li tindika l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg.

Id-deċiżjoni finali dwar l-istatus fl-impjieg korrett tibqa' kwistjoni tad-dritt nazzjonali, kif definita fih, fil-ftehimiet kollettivi jew fil-prattika fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Bħal ma kien il-każ fl-approċċ ġenerali, ir-regoli dwar konfutazzjoni jistipulaw li f'każ li l-pjattaforma tax-xogħol diġitali tirribatti l-preżunzjoni legali, l-oneru tal-prova li r-relazzjoni kuntrattwali inkwistjoni mhijiex relazzjoni ta' impjieg, kif definita fl-Istati Membri, jinsab fuq il-pjattaforma tax-xogħol diġitali.

F'konformità mal-approċċ ġenerali, ir-regola li l-preżunzjoni legali għandha tapplika fil-proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji rilevanti kollha fejn id-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg tal-persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi hija fil-periklu, inżammet flimkien mal-konċessjoni għal proċedimenti li jikkonċernaw kwistjonijiet tat-taxxa, kriminali u tas-sigurtà soċjali (Artikolu 5(3)).

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma obbligati jaġixxu, meta jqisu li persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi tista' tkun klassifikata b'mod skorrett. Madankollu, huma għandhom diskrezzjoni dwar l-għażla tal-miżura li għandha tittieħed (Artikolu 5(5)). L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu għalhekk jibdew azzjonijiet *jew* proċedimenti xierqa.

Bl-istess mod, l-awtoritajiet fl-Istati Membri huma responsabbli biex jiddeċiedu li jwettqu, *fejn xieraq,* kontrolli u spezzjonijiet meta l-eżistenza tal-istatus fl-impjieg ta' persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi tkun ġiet aċċertata minn awtorità nazzjonali kompetenti. Dan jikkorrispondi għall-mandat rivedut tas-26 ta' Jannar u jipprevedi diskrezzjoni sinifikattiva għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Kapitolu III - Ġestjoni algoritmika

Il-Kapitolu li jittratta l-ġestjoni algoritmika baqa' l-istess meta mqabbel mal-mandat rivedut tas-26 ta' Jannar. Fih is-salvagwardji meħtieġa għall-protezzjoni tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi kontra r-riskji marbuta mal-użu ta' sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet kif definit fl-Artikolu 2(1), in-numri (8) u (9). Dawk is-salvagwardji jinkludu b'mod partikolari:

- Projbizzjoni tal-ipproċessar ta' ċerti tipi ta' data, pereżempju data personali dwar l-istat emozzjonali u psikoloġiku ta' persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi, jew għal xi finijiet speċifiċi, pereżempju l-ipproċessar ta' data bijometrika għall-fini ta' identifikazzjoni jew l-ipproċessar ta' data personali biex jiġi previst l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali (Artikolu 7);
- Trasparenza mtejba rigward is-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi u r-rappreżentanti tagħhom (Artikolu 9);
- Sorveljanza minn bniedem tas-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż permezz ta' evalwazzjoni biennali u minn persunal kwalifikat b'mod speċifiku li jkollu s-setgħa li jannulla deċiżjonijiet awtomatizzati, li jgawdi minn protezzjoni partikolari (Artikolu 10);
- Deċiżjonijiet li jirrestrinġu, jissospendu jew itemmu r-relazzjoni kuntrattwali jew il-kont ta' persuna li twettaq xogħol fuq il-pjattaformi jew deċiżjonijiet ta' detriment ekwivalenti għandhom jittieħdu minn bniedem (Artikolu 10(5));
- Id-dritt għal rieżami minn bniedem ta' deċiżjonijiet meħuda minn sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż id-dritt li tintlaħaq persuna ta' kuntatt umana u li wieħed jirċievi dikjarazzjoni tar-raġunijiet bil-miktub (Artikolu 11);
- L-obbligu li jiġi evalwat ir-riskju ta' sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet għas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema (Artikolu 12);

Kapitolu IV - Trasparenza rigward ix-xogħol fuq il-pjattaformi

Il-Kapitolu li jittratta t-trasparenza fix-xogħol fuq il-pjattaformi baqa' l-istess meta mqabbel mal-mandat rivedut tas-26 ta' Jannar. Dan jirrikjedi li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jiddikjaraw ix-xogħol imwettaq mill-ħaddiema tal-pjattaformi (Artikolu 16) u jinkludi d-dispożizzjoni li ċerti tipi ta' informazzjoni relatati mal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti u għar-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi (Artikolu 17).

Kapitolu V - Rimedji u infurzar

Dan il-Kapitolu jipprevedi, b'mod partikolari, id-dritt għal rimedju għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi (Artikolu 18), il-possibbiltà li r-rappreżentanti jibdew proċedimenti biex jinfurzaw id-drittijiet li jirriżultaw mid-Direttiva (Artikolu 19), l-istabbiliment ta' kanal ta' komunikazzjoni dedikat u protett għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi (Artikolu 20), il-possibbiltà li l-qrati nazzjonali jordnaw lill-pjattaforma tax-xogħol diġitali tiddivulga evidenza rilevanti għal proċediment (Artikolu 21) u penali effettivi, dissważivi u proporzjonati applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (Artikolu 24).

L-unika bidla f'dan il-Kapitolu meta mqabbel mal-mandat rivedut tas-26 ta' Jannar kienet iż-żieda tal-paragrafu 3 ġdid fl-Artikolu 24. Din id-dispożizzjoni tipprevedi l-kollaborazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stati Membri differenti, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, permezz tal-iskambju ta' informazzjoni rilevanti u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni tal-preżunzjoni legali.

Kapitolu VI - Dispożizzjonijiet finali

Meta mqabbel mal-mandat rivedut tas-26 ta' Jannar, dan il-Kapitolu kien soġġett biss għal bidliet żgħar.

## IV. KONKLUŻJONI

Il-Presidenza tqis li l-qbil proviżorju li jinsab fl-Addendum I ta' din in-nota jipprovdi qafas regolatorju sod u bbilanċjat għax-xogħol fuq il-pjattaformi.

Minn naħa waħda, jipprovdi protezzjoni b'saħħitha għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi kontra klassifikazzjoni bħala ħaddiema b'impjieg indipendenti falz; jindirizza, għall-ewwel darba fid-dritt tal-Unjoni, l-isfidi marbuta mal-użu ta' sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet; jipprevedi t-trasparenza u jirregola l-użu ta' dawn is-sistemi, jipprevedi trasparenza fix-xogħol fuq il-pjattaformi anke f'sitwazzjonijiet transfruntieri u jipprevedi wkoll rwol b'saħħtu għar-rappreżentanti tal-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi.

Min-naħa l-oħra, jipprevedi qafas regolatorju ċar, li jikkontribwixxi għall-allinjament tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri, li jipprovdi lill-pjattaformi tax-xogħol diġitali biċ-ċertezza legali li jeħtieġu u għalhekk irawwem it-tkabbir sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali.

Fl-istess ħin, il-qbil proviżorju tat-8 ta' Frar jirrispetta l-ispirtu tal-approċċ ġenerali u fil-biċċa l-kbira tiegħu jikkorrispondi mal-mandat rivedut mogħti mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fis-26 ta' Jannar 2024.

Il-Presidenza tappella lill-ministri biex jiftħu t-triq għal din il-biċċa leġiżlazzjoni rivoluzzjonarja, li tindirizza b'mod eżemplari ħafna mir-riskji marbuta mar-rivoluzzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol, u biex ma jdewmux aktar id-dħul fis-seħħ tagħha.

Il-Kunsill huwa mistieden:

- jilħaq qbil dwar it-test tal-kompromess finali, kif jinsab fl-Addendum 1 ta' din in-Nota, u
- jagħti mandat lill-Presidenza biex tibgħat ittra lill-President tal-Kumitat EMPL tal-Parlament Ewropew li tikkonferma li, jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(3) TFUE, fil-forma eżatta tat-test ta' kompromess li jinsab fl-Addendum ta' din in-Nota (soġġett għar-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet), il-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 294(4) TFUE, ser japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.